C/2025/4189

23.7.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12020 – INVESTINDUSTRIAL / DCC HEALTHCARE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4189)

1. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HealthCo Investment Limited ("HIL", ir-Renju Unit), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Investindustrial S.A. ("Investindustrial Group", ir-Renju Unit),

— DCC Vital Limited (l-Irlanda), HBI Health & Beauty Innovations Limited (l-Irlanda) u DCC Healthcare UK Limited (ir-Renju Unit) (flimkien "DCC Healthcare") ikkontrollati minn DCC Plc.

HIL se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' DCC Healthcare.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— HIL hija kumpanija ta' investiment ġestita b'mod indipendenti, miżmuma indirettament minn fondi li jagħmlu użu ta' konsulenza jew li huma ġestiti minn kumpaniji tal-Grupp Investindustrial, li huwa grupp Ewropew ta' investiment u ta' konsulenza ta' kumpaniji ta' investiment, azzjonarji u ta' konsulenza finanzjarja ġestiti b'mod indipendenti. Il-portafoll tal-Grupp Investindustrial jiffoka fuq erba' oqsma ewlenin ta' investiment: industrija tal-manifattura; konsumatur: il-kura tas-saħħa u s-servizzi,

— DCC Healthcare hija d-diviżjoni tal-kura tas-saħħa ta' DCC plc, li topera f'żewġ segmenti ewlenin fl-Ewropa: (i) is-Saħħa u s-Sbuħija, l-iżvilupp tal-kuntratti u l-manifattura ta' supplimenti nutrizzjonali u prodotti tas-sbuħija; u (ii) Vital, provvista ta' apparat mediku u prodotti oħra tal-kura tas-saħħa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12020 — INVESTINDUSTRIAL / DCC HEALTHCARE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu
Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË